Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,199, 28 ta' Mejju, 2019
Taqsima B

A.L. 108 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Addiction Studies – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà u tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bordijiet tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà u tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilhom skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Addiction Studies – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà u tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord il-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà u l-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bordijiet;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Addiction Studies – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of

Science in Addiction Studies – M.Sc.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Addiction Studies – P.G. Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2019 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu, miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi, f'qasam ta' studju meqjus rilevanti mill-Bordijiet.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq sitt semestri ta' studju fuq bażi part-time.

Il-Bord tal-Istudji

5. (1) L-amministrazzjoni akkademika tal-Kors għandha tkun fdata lill-Bord tal-Istudji maħtur għal dan il-għan.

(2) Il-Bord tal-Istudji, li għandu jkun maħtur għall-perijodu ta' sena akkademika waħda, għandu jkun magħmul kif ġej:

(a) id-Dekan tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà u d-Dekan tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija jew id-delegat rispettiv tagħhom, li wieħed minnhom għandu jkun maħtur bħala Chairman fuq ir-rakkomandazzjoni konġunta taż-żewġ Bordijiet;

(b) mill-anqas żewġ membri tal-istaff akkademiku minn kull waħda miż-żewġ fakultajiet; u

(ċ) żewġ studenti eletti minn fost l-istudenti rreġistrati għall-Kors.

Il-Programm tal-Studju

6. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu ECTS huma assenjati għad-dissertazzjoni tar-riċerka.

7. L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju

mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

8. L-istudenti għandhom ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad jekk jiksbu d-90 krettu ECTS kif spjegat fil-programm ta' studju għall-Kors b'marka medja ta' mill-anqas 50%.

9. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

10. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 10 kretti ECTS f'xi sena akkademika jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

11. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' bejn il-15,000 u l-20,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir fil-ħames u s-sitt semestri tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta tar-riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji sal-aħħar tat-tielet semestru.

12. (1) Il-Bord tal-Istudji għandu jaħtar Panil ta' Superviżjoni għal kull student, magħmul minn tliet membri kif ġej: il-Kap tad-Dipartiment (jew tad-Dipartiment tal-Psikoloġija jew tad-Dipartiment tal-Fiżjoloġija u l-Biokimika), jew id-delegat tiegħu jew tagħha bħala Chairman, u żewġ membri oħra, li wieħed minnhom ikun is-superviżur prinċipali, sakemm li meta l-kap tad-dipartiment ikun is-superviżur, huwa jew hija ma tkunx iċ-chair tal-Panil.

(2) Il-Panil ta' Superviżjoni għandu jsegwi, skont kif jidhirlu xieraq, il-progress tal-istudenti matul il-Kors, sakemm li jiltaqa' għall-anqas darba fis-sena biex jirrevedi l-progress.

(3) L-istudenti huma meħtieġa jiltaqgħu mas-superviżur tagħhom mill-anqas darba kull xahrejn, u barra minn hekk aktar spiss jekk is-superviżur jidhirlu li meħtieġ.

(4) Fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji s-superviżuri huma meħtieġa li jagħtu lill-Panil ta' Superviżjoni rapporti dwar l-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom. L-istudenti għandhom jitolbu l-approvazzjoni tal-Panil ta' Superviżjoni għal xi tibdil sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni.

(5) Il-Panils ta' Superviżjoni għandhom perjodikament jinformaw lill-Bord tal-Istudji, bil-miktub, dwar il-progress ġenerali ta' kull student. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord tal-Istudji ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

13. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.